MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1093/1997/1

**Guzeppi Vella**

**vs**

**Peter Sciberras**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici ipprezentata fil-15 ta' Mejju 1997 fejn inghad:-

Illi l-konvenut fic-citazzjoni numru 829/96 NA deciza fil-21 ta' Marzu 1997 minn din il-Qorti, pprezenta kawza kontra l-attur maghrufa ahjar bhala kawza ta' jattanza u dan in konnessjoni ma' ghalqa tal-Wej, Naxxar, San Pawl tat-Targa, fejn il-konvenut interpella lill-attur u jiddesisti milli jidhol f'din l-ghalqa.

Illi peress li l-attur fil-kawza deciza msemmija gie moghti tlett xhur a terminu tal-**artikolu 404 tal-Kapitolu 12** sabiex igib il-quddiem b'kawza l-pretensjoni li hu jsostni li ghandu fuq din il-ghalqa.

Illi peress li l-attur huwa t-tifel ta' Vincenzo Vella li miet fid-19 ta' Marzu 1980, li ta' l-ahhar dejjem kellu f'ismu titolu ta' cens ta' din il-ghalqa liema cens huwa beda jhallas zgur mill-1947 kif jirrizulta minn dokumenti esebiti kemm fic-citazzjoni numru 829/86 u wkoll fl-inkartament ta' l-atti tar-rikors tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3960/96 fl-ismijiet **"Peter Sciberras et. vs Guzeppi Vella".**

Illi peress li wara l-istess mewt ta' missieru, u cioe' ta' l-attur, l-imsemmija ghalqa giet wkoll denunzjata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni (successjoni) u dan skond l-**Att ta' s-sena 1973 dwar it-Taxxa** kif ukoll jirrizulta minn dokument esebit fic-Citazzjoni Numru 3960/96, u li b'segwitu ta' hekk dan ic-cens intiret minn fuq missier l-attur ghal fuqu u fuq hutu li certament ma jinkludux il-konvenut.

Rat li l-attur ghalhekk talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

(1) Tiddikjara li l-imsemmija ghalqa f'Tal-Wej, Naxxar, limiti ta' San Pawl tat-Targa l-attur ghandu titolu validu fil-ligi fuqha kif dejjem ippretenda li ghandu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni 3960/96, u tal-kawza numru 829/96 u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li giet pprezentata mill-konvenut Peter Sciberras fit-3 ta' Gunju 1998 fejn qal:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-attur ma ghandu l-ebda titolu validu fuq l-art in kwistjoni.

3. Illi jekk l-attur jghid li huwa wiret titolu ta' cens irid jindika liema huwa l-kuntratt originali li stabbilixxa dan c-cens.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-lista tax-xhieda taghhom, id-dokumenti minnhomipprezentati u n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kontendenti u d-dokumentazzjoni ezebita f'din il-kawza.

Rat d-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u tal-processi kollha indikati f'din il-kawza.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din l-kawza saret wara li l-konvenut Peter Sciberras kien ipprezenta kawza ta' jattanza (Cit. Nru. 1829/96) fl-ismijiet **"Peter Sciberras vs Guzeppi Vella"** fejn talab lil din il-Qorti diversament preseduta sabiex l-attur jottjeni konferma gudizzjarja tal-pretensjoni tieghu li kien igawdi titolu validu fil-ligi fuq ghalqa fil-kontrada ta' l-Wej, Naxxar, San Pawl tat-Targa.

Illi permezz ta' sentenza datata 31 ta' Ottubru 1997 il-Qorti kienet laqghet it-talbiet attrici w ordnat lill-attur odjern Guzeppi Vella sabiex fi zmien tlett xhur jipprezenta kawza *ai termini* **tal-artikolu 404 tal-Kapitolu 12**. L-attur ghadda sabiex ipprezenta l-kawza fit-terminu preskritt, liema kawza qieghdha tigi ttrattata prezentement.

Illi l-fatti tal-kawza odjerna huma s-segwenti. L-attur qieghed jivvanta titolu ta' cens fuq l-ghalqa ta' l-Wej,

Naxxar. Huwa spjega kif ic-cens gravanti din il-ghalqa ilu jigi mhallas minn tal-anqas mis-sena 1947, hekk kif jirrizulta minn diversi ricevuti esebiti minnu (fol.23, 24 u 25 u fol. 39 sa 59). Originarjament dan l-hlas kien isir minn missieru Vincenzo Vella, u wara l-mewt tieghu fid-19 ta' Marzu 1980 dan baqa' jigi mhallas mill-attur. L-attur insista li din il-ghalqa dejjem inhadmet minnu, u qabel minn missieru, u li qatt ma gew kontrastati f'dan minn haddiehor. Il-hlas ta' dan ic-"cens" kien jigi maghmul lil certa Maria Galea, li waqt dawn l-proceduri kkonfermat il-kotba tal-hlas tac-cens esebiti f'dawn l-atti, u qablet li dan kien jigi mhallas mill-attur u qabel minn missieru.

Illi mill-kumpless tal-provi avvanzati mill-attur huwa evidenti li qieghed jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq il-fatt li c-cens gie dejjem imhallas minnu (u qabel minn missieru), kif ukoll fuq il-pussess kontinwu u konstanti tal-ghalqa ghal diversi snin.

Illi d-diffikulta' principali tal-attur f'dawn c-cirkustanzi hija li kif gustament eccepixxa l-konvenut, l-uniku mod li hemm sabiex jigi mahluq titolu ta' enfitewsi huwa permezz ta' att pubbliku.

Illi fil-fatt l-**artikolu 1497 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*"L-enfitewsi hija nulla –*

*(a) jekk ma tigix maghmula b'att pubbliku; jew".*

Illi ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi fit-talba tieghu kien necessarjament mehtieg li jressaq din il-prova, haga li huwa naqas milli jaghmel. Apparti minn hekk, l-attur kien mankanti wkoll f'diversi provi ohra li fil-fehma tal-Qorti ta' bilfors kellhom isiru sabiex l-azzjoni tieghu tirnexxi.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2000 l-attur in kontroezami spjega li ma kienx jaf jekk missieru kienx halla testment. Minkejja li obbliga ruhu li jivverifika dan u jesebixxi kwalunkwe testment li seta' halla missieru, huwa naqas milli jaghmel dan. Il-Qorti tinnota li l-attur sahansitra naqas milli jesebixxi r-ricerki testamentarji u certifikati tat-twelid u

tal-mewt mehtiega sabiex dan jigi definittivament stabbilit. Il-mankanza ta' dan kollu tfisser li l-attur naqas sahansitra milli jipprova li huwa ssucceda fit-titolu ta' kwalunkwe drittijiet li seta' kellu missieru Vincenzo Vella jew li dan ta' l-ahhar kien ivvanta.

Illi fl-istess seduta l-attur spjega il-posizzjoni tieghu hekk:-

*"jiena kif ghidt fis-seduta precedenti ma nafx b'kuntratti ta' cens rigward dan r-raba. Pero' jekk insir naf b'xi provenjenza jiena lest illi nipproduciha fil-Qorti".*

Illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2002 intqal is-segwenti mill-attur:-

*"Il-Qorti :* Dan il-kuntratt esebit? Il-kuntratt ta' cens.

*Avukat:* Kuntratt ta' cens dan dejjem hemm id-denunzja u ma jezistiex jigifieri ahna qed nghidu.

*Il-Qorti:* Allura kif inhu cens.

*Avukat:* Il-kuntratt ta' meta gie ghandkom bhala cens ghandek il-kuntratt?

*Xhud:* Le. Ma ghandhix. Fittixt u ma sibtux hux."

Illi l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li t-titolu li l-attur qieghed jallega u jvanta li ghandu huwa wiehed ta' cens u cjoe' dak ta' enfitewsi, u mhux xi titolu iehor.

Illi fil-fatt fil-premessi tac-citazzjoni tieghu l-attur jghid li huwa *"………….. it-tifel ta' Vincenzo Vella, li miet fid-19 ta' Marzu 1980, li ta' l-ahhar dejjem kellu f'ismu <u>titolu ta' cens ta' din il-ghalqa liema cens huwa beda jhallas mill-1947</u> kif jirrizulta ……..".*

Illi jinghad ukoll li stante li l-attur talab lil din il-Qorti tiddikjara li huwa ghandu titolu validu fuq l-ghalqa f'Tal-Wej, Naxxar, limiti ta' San Pawl tat-Targa, huwa kellu l-oneru assolut li jipprova dan t-titolu.

Illi skond **Andrea Torrente fil-ktieb "Trattato Di Diritto Civile"** jinghad li:-

*"L'attore, in conformita' delle regole generali, ha l'onere di dimostrare il suo diritto; percio', se 'l acquisto non e' a titolo originario, ha l'onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originario. A voler andare ghall'infinito, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di 'probatio diabolica')".*

*"La posizione del convenuto riguardo alla prova e' molto piu' comoda di quella dell'attore ("commodum possessionis"): egli puo' limitarsi a dire 'possideo quia possidea' ed attendere che l-attore provi il suo diritto".*

Illi din il-posizzjoni giet ikkonfermata fil-gurisprudenza nostrali fejn fis-sentenza **"Alosia Fenech u ohrajn vs. Francesco Debono u iehor"** (P.A. (W.H.) 14 ta' Mejju 1935 – XXIX.ii.488) inghad li:-

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza " Abela vs Gauci" maqtugha fl-1 ta' Dicembru 1877 (VIII.367) il-konvenut, indipendentement minn natura tal-pussess tieghu, ghandu dritt jirrikjedi, l-ewwel nett il-prova tal-proprjeta' mill-parti tar-rivendikant. Jghid a propositu Laurent (Vo.VI.160): 'e dunque il suo diritto di proprieta' che il rivendicante deve provare. Finche' non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla a provare: egli puo' sebare il silenzio, e vincere' la lite per cio' solo che il rivendicante non avra' provato di essere proprietario. Cio' e' universalmente ammesso dalla dottrina e dalla gurisprudenza".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi"** (P.A. (JSP) 5 ta' Ottubru 1995, - LXXIX.iii.1257) fejn gie affermat li:-

*"L-azzjoni tentata mil-attur hi dik rivendikatorja. L-eccezzjoni decennali moghtija mill-konvenut tittanta toqtol dik l-azzjoni indipendentement mill-validita' tat-titolu li jippretendi li ghandu l-attur u dan qabel ma ssir*

*investigazzjoni fil-fond ta' tali titolu. Japplikaw dawn il-konsiderazzjonijiet ta' ligi:*

*Min jitlob ir-revendikazzjoni ta' immobbli ghandu d-dover li qabel xejn hu jipprova l-proprjeta' tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza.*

*Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta' tar-rivendikant, hija ghandha ssostni lill-pussessur".*

Illi l-istess gie ikkonfermat fis-sentenza **"Clive Simpson *nomine vs* Dr. Gaudenz Borg"** (A.C. (GMB) 6 ta' Lulju 1993 – LXXXVII.ii.310) fejn inghad li:-

*"Fl-azzjoni rivendikatorja, l-attur ghandu jipprova d-dominju tieghu fuq il-haga rivendikata u mhux bizzejjed li jipprova li l-istess haga mhux tal-konvenut ghaliex il-ligi tirrikjedi li jipprova b'mod inekwivoku li l-istess hija tieghu innifsu. Ghandu ghalhekk l-oneru tal-prova u l-prova li hi rikjesta minnu trid tkun kompleta u konkluziva".* **("Av.Dr. Rene' Frendo Randon noe vs Francis Camilleri *et nomine" -*** A.C. (H.H.) 2 ta' Dicembru 1987. LXXI.ii.531; **"Alfred Copperstone vs Francesco Grech et" –** P.A. (J.C.C.) 14 ta' Dicembru 1951).

Illi ghalhekk kif inghad fis-sentenza **"Anthony Mercieca vs Anthony Buhagiar"** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) *"abbazi ta din il-gurisprudenza konsistenti u konstanti jirrizulta li ghal fini ta' din il-kawza l-attur jrid u ghandu l-oneru tal-prova kollha fuqu, li biha jrid jikkonvinci li ghandu dritt ta' proprjeta' fuq il-bicca art mertu tal-kawza odjerna, u dan stante li l-konvenut qed jistrieh ukoll fuq il-pussess li huwa ghandu 'animo domini'* ***("Sac. Don Giovanni Agius nomine vs Paolo Genovese et" -*** *A.C. 21 ta' Jannar 1946)".* (**"Paul Camilleri et vs Joseph Camilleri"** (P.A. (RCP) 4 ta' Ottubru 2001).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li dan l-istess attur ma rnexxilhux jaghmlu u fil-fehma tal-Qorti l-attur naqas milli

jgib il-minimu ta' prova sabiex jipprova t-titolu ta' cens minnu allegat, tant li jidher li strah biss u esklussivament fuq diversi ricevuti rilaxxjati f'isem missieru u sussegwentement f'ismu. Illi dan apparti li dwar l-istess ricevuti, ix-xhud Maria Galea, *per altro* prodotta mill-attur, spjegat kif missier l-attur, cioe' Vincenzo Vella, kien fil-fatt ihallas dejjem ghan-nom ta' sitta min-nies u mhux ghalih innifsu wahdu w unikament.

Illi ghalkemm mhux daqstant importanti ghall-finijiet ta' dina d-decizjoni, jigi rilevat li almenu l-konvenut ittanta jispjega f'ferm aktar dettall mill-attur il-konnessjoni kemm tieghu kif ukoll tal-attur ma' din il-ghalqa. Il-konvenut jispjega li inizjalment din il-ghalqa kienet tifforma parti minn art ferm akbar imsemmija "Ic-Cens tal-Bir", u li kienet detenuta b'titolu ta' enfitewzi perpetwu minn Michael u Anna konjugi Sciberras. Skond il-konvenut, Michael u Anna Sciberras kienu qasmu din il-ghalqa f'sitta w assenjaw porzjon lil kull wiehed minn uliedhom, (ghalkemm ma gie esebit la l-kuntratt ta' enfitewsi li bis-sahha tieghu kienu akkwistaw l-art Michael u Anna Sciberras, u lanqas l-att li juri d-donazzjoni jew l-assenjazzjoni tal-art lis-sitt uliedhom li kienu Peter Sciberras, Victoria Sciberras, Carmela Sciberras (omm il-konvenut), Katerina Cachia, Maria Galea u Giovanna Vella (in-nanna tal-attur). Din il-qasma ma saritx permezz ta' att pubbliku izda f'mod informali u bonarju bejn l-ahwa. Il-konvenut ezebixxa numru ta' kuntratti (Dok. "1", "2", "3", "4" u "5") li juru li hamsa minn dawn l-porzjonijiet inbieghu, u li ghaldaqstant l-uniku porzjon li baqa' hija l-ghalqa mertu ta' din il-kawza.

Illi din il-ghalqa (li ghalhekk hija tal-qies ta' 1/6 tal-ghalqa imsemmija "Ic-Cens tal-Bir" originarjament proprjeta' ta' Michael u Anna konjugi Sciberras) finalment messet lil Grezzja Cachia, bint Katerina Cachia. Grezzja Cachia ma kenitx mizzewga u mietet intestata. Il-konvenut, li huwa wiehed mit-tfal ta' Carmela Sciberras (wahda mit-tfal ta' Michael u Anna konjugi Sciberras), ghaldaqstant jghid li huwa wiehed mill-werrieta ta' Grezzja Cachia, u huwa fuq dan l-bazi li jivvanta titolu fuq l-art.

Illi l-konvenut jghid li missier l-attur, Vincenzo Vella (iben Giovanna Vella, wahda mis-sitt ahwa ta' Michael u Anna Sciberras) kien inkarigat ihallas ic-cens tal-ghalqa kollha msemmija "ic-Cens tal-Bir", u ghalhekk kien jigbor il-flus mis-sitt ahwa u jhallas ghan-nom ta' kulhadd. Dan gie effettivament ikkonfermat mix-xhud Maria Galea. Meta miet Vincenzo Vella, ibnu l-attur kompla jhallas ic-cens. L-attur allura jigi n-neputi ta' Giovanna Vella. Meta nbieghu il-hames porzjonijiet l-attur fil-fatt beda jhallas biss 1/6 mill-ammont ta' cens originali, u dan wkoll juri kemm huwa minnu li l-hlas kien isir ghan-nom tal-ahwa kollha.

Illi dan kollu huwa rilevanti biss inkwantu ghandu jigi deciz jekk l-azzjoni attrici irnexxietx fil-konfront tal-konvenut, u l-allegazzjonijiet tal-konvenut, ikomplu jikkonfermaw li l-attur ma rnexxilhux jipprova t-titolu tieghu bil-mod rikjest mill-ligi, u l-vantazzjonijiet tal-konvenut ikomplu jassodaw din is-sitwazzjoni u jitfghu dubju fuq l-allegazzjonijiet attrici, li xorta ma gewx ippruvati, ghaliex lanqas biss l-attur ma ssodisfa l-kweziti mqajjma mill-konvenut kemm tramite l-eccezzjonijiet u sottomissjonijiet tieghu.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-attur kien zbaljat meta ttanta jghid li l-konvenut Peter Sciberras kien qieghed dejjem jitkellem dwar art ohra u mhux dik mertu ta' din il-kawza. Fil-fatt, fil-kuntratt esebit a fol. 68 *et. seq*. datat 8 ta' Awissu 1968 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia l-art hija deskritta bhala "Ic-Cens tal-Bir" sive "tal-Wej" u certament li hija parti mill-art mertu tal-kawza odjerna.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut Peter Sciberras sabiex jispjega r-rabta tieghu ma' din il-ghalqa hija ferm aktar konvincenti u legalment fondata minn dik avvanzata mill-attur, ghalkemm hawn ma huwiex qed jigi determinat it-titolu tal-konvenut, izda *se mai* qed isir l-ezami ta' l-allegat titolu tal-attur.

Illi f'dan il-kuntest ghalhekk dak li jrid jigi determinat l-ewwel u qabel kollox huwa jekk l-attur issodisfax l-oneru ta' prova tieghu f'din il-kawza b'mod li jista' jinghad li rnexxielhu jipprova t-titolu minnu vantat, u minn dak kollu li gie fuq premess jidher li l-attur assolutament ma

rnexxielhux jaghmel dan, u ma hemm ebda prova konkreta tat-titolu ta’ cens minnu vantat, ovvjament ippruvat bil-mod rikjest mill-ligi *ad validitatem,* u f’dan ix-xenarju l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Illi dan qed jigi affermat ghalkemm huwa minnu li anke l-verzjoni tal-konvenut ma hijiex ezawrijenti ghal kollox, pero’ min-naha l-ohra kien l-oneru tal-attur li jipprova b’mod definittiv it-titolu tieghu, haga li kif gja gie ampjament spjegat huwa naqas milli jaghmel u fuq kollox din l-azzjoni saret sabiex jigi affermat it-titolu vantat mill-attur u xejn izjed.

Illi l-Qorti trid ta’ bilfors tosserva li min-naha l-ohra anke l-konvenut naqas milli juri minn fejn torigina din il-enfitewsi li abbazi taghha jsir il-hlas tac-“cens” lil Maria Galea. Illi dan baqa’ ma sarx ghalkemm kien l-istess konvenut li sahansitra strah fuq dan l-punt legali fit-tielet eccezzjoni tieghu, fis-sens li insista li kellha ssir il-prova tal-kuntratt enfitewtiku originali.

Illi huwa minnu wkoll li att ta’ divizjoni formali bejn ulied jew id-dixxendenti ta’ Michael u Anna Sciberras jidher li qatt ma sar, tant li l-konvenut stess jghid li din il-qasma kienet sehhet b’mod informali bejn l-ahwa. Min-naha l-ohra huwa minnu wkoll li hamsa mis-sitt porzjonijiet li fihom kienet giet diviza l-art imsejha “Ic-Cens tal-Bir” inbieghu, u hija haga misterjuza kif fil-provenjenza msemmija f’kull att ta’ trasferiment ma hemm l-ebda indikazzjoni ta’ tali qasma. Pero’ dan ma huwiex il-mertu ta’ din il-kawza u ghalhekk il-Qorti ser tieqaf milli tidhol aktar f’din il-kwistjoni.

Illi haga ohra li tosserva din il-Qorti, anke *obiter* hija li effettivament il-konvenut, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, naqas milli jipprova li huwa effettivament il-werriet ta’ ommu Carmela Sciberras, ghalkemm ghal darb’ ohra jergha jigi ripetut li dan ma jincidix fuq id-decizjoni finali ta’ din l-Qorti, li xorta tibqa’ msejjsa fuq il-punt li hija moralment konvinta li l-attur naqas milli jipprova b’mod konvincenti u b’mod konklussiv kif trid il-ligi li huwa ghandu titolu ta’ enfitewsi validu fil-ligi fuq din il-art.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talba attrici ghandha tigi michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talba attrici** stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif fuq premess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta’ Jannar 2003**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta’ Jannar 2003**